MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Numru 2/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Alfred Micallef**

**Seduta Distrett - Sliema**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Hamis 26 ta' Frar, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Alfred Micallef iben Giuseppe u Maria xebba Anastasi mwieled tas-Sliema fid-29 ta' Settembru 1944 u joqghod St Mary, Sqaq is-Sigra, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0854944(M) talli nhar it-23 ta' Ottubru 2014 ghal-habta tat-20:00hrs u nhar id-29 ta' Ottubru 2014 ghal habta tas-18:53hrs fi triq San Karlu, Sliema:

1. Xhett hmieg jew porkeriji ohra fil-bibien jew taht il-hitan tad-djar ta' haddiehor;
2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Raymond Grech (ID 826353M) jibza' li se jintuza' vjolenza kontra tieghu jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra tieghu.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skont it-termini tal-artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi l-parte leza hafer lill-imputat.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 251B(1) u 339(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta tobligah li ma jdejjaqx lil Raymond Grech u familjari tieghu u ghalhekk torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ tmin mitt Euro (€ 800) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ l-istess Raymond Grech u familjari tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------